VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,663, 13 ta' Lulju, 2021
Taqsima B

A.L. 297 tal-2021

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni (Emenda Nru 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545. 29.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Ir-rata determinata li tkun is-sostitut tal-prezz tas-suq għas-sena 2020 għandha tkun ta' seba' ċenteżmi u tlieta u ħamsin milleżmi (€0.07,53) għal kull kWh." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem"Ir-rata determinata li tkun is-sostitut tal-prezz tas-suq għas-sena 2021 għandha tkun ta':

(a) mill-1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021 ta' seba' ċenteżmi u tlieta u ħamsin milleżmi (€0.07,53) għal kull kWh;

(b) mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2021 ta' seba' ċenteżmi u tmienja u ħamsin milleżmi (€0.07,58) għal kull kWh.".